MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Numru. 487/2004

**Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**
**vs**
**Carmel Chetcuti et**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Carmel Chetcuti ta' 52 sena mwieled Pieta nhar it-18 ta' April 1951 iben Anthony u Paola nee Borg, u residenti 25/1 Menton Flats, Dingli Street Sliema, ID 371151M**

**U kontra Antonia Chetcuti ta' 52 sena mwielda Floriana nhar il-11 ta' Awissu 1952 bint John Tabone u Mary nee Callus, residenti 25/1 Mention Flats, Dingli Street Sliema, ID 628752M.**

**Akkuzati talli fit-28 ta' Mejju 2002, bhala propjetarji jew amministraturi responsabbli jew konsumaturi tal-fond bl-isem 'Blossoms' sitwat fi Triq Bontadini B'Kara b'diversi atti maghmulin minnhom b'risoluzzjoni**

**wahda fi zminijiet differenti, b'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehuda jew kkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk kkommettew serq ta' dawl elettriku ta' LM126.05.6 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u dan ai terminu tal-artikoli 18, 261, 263, 264(2), 267, 279 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzati wkoll taht l-istess cirkostanzi kkommettew hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka 'AEI 3x 50' bin-numru 889610 liema hsara ma teccedix il-LM50 u dan bi ksur tal-artikoli 325(d), 326(c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta.**

**Il-Qorti, rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra l-imputati.**

**Rat l-ammissjoni maghmula mill-imputati wara li awtorizzaw lill-avukat taghhom li jaghmel din l-ammissjoni ghalihom. Carmel Chetcuti jbati minn stroke u mhux f'posizzjoni li jattendi l-Qorti. L-imputata huwa difficli hafna ghaliha biex tattendi l-Qorti minhabba l-mard tar-ragel taghha li jehtieg attenzjoni kontinwa. Ghalhekk, l-imputazzjonijiet gew pruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti, semghet lill-Prosekuzzjoni tghid li kull pendenzi thallset lill-Enemalta u d-difiza esebiet fotokopja tar-ricevuta tal-hlas.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261, 263, 264(2), 267, 279, 270 tal-Kap 9 u l-artikoli 325(d), 326(c) u (f) ssib lil Carmel Chetcuti u lil Antonia Chetcuti hatja ized qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux ebda reat iehor fi zmien 14-il xahar mill-lum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------